MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**AARON BUGEJA**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1187/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**
**vs.**
**Giovanni Calcaterra**

Illum it-18 ta’ Dicembru 2013

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 30 ta’ Novembru, 2013 fil-konfront ta` Giovanni Calcaterra, ta’ 41 sena, ta’ nazzjonalita’ Taljana, bin Giuseppe u Maria Stella Demostene, imwieled Catania (Italja) fis-17 ta’ Lulju, 1972 u li joqghod Contrada Eredita, Ragusa, u minghajr indirizz fiss f’Malta u detentur tal-karta tal-identita’ Taljana bin-numru 3907906AA u li permezz taghhom gie akkuzat talli : -

1. Talli f'Novembru, 2013 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, kif wkoll barra minn dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, personalment u/ jew fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal tal-kumpanija Pepe Import Co. Ltd.

a. ippromwova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar (liema reati jinkludu frodi, flasifikazzjoni ta' dokumenti u traffikar ta' flus foloz);
b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, appartjena ghal ghaqda imsemmija fis-subartiklu (1) ta' l-Artiklu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-Novembru, 2013, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u / jew fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal tal-kumpanija Pepe Import Export Co. Ltd.

2. F'Malta assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hem mil-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa.
3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici fl-atti illi bihom, l-awturi iffalsifikaw xi biljett tal-flus jew mexxew biljett tal-flus falsifikat li kienu jafu li kienu foloz;
4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi irrenda ruhu komplici fl-atti illi bihom, l-awturi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtraw jew ircevew minghand xi persuna, kif ukoll kellhom fil-pussess taghhom biljetti tal-flus ta' valuta Euro, meta kienu jafu li l-istess huma falsifikati;
5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici fl-atti illi bihom, l-awturi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b`qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-

ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ l-Istat Taljan.

6. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe’ dokumenti bankarji tal-banek HSBC Bank (Malta) Limited u Bank of Valletta plc, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew bidel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll alli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

7. u aktar talli, fl-istess dati, lok u cirkostanzi irrenda ruhu komplici fl-atti illi bihom l-awturi sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

Talli fid-29 ta’ Novembru, 2013, f’dawn il-Gzejjer;

8. f’kull kaz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel l-Artikolu 108 ta’ l-istess sub-titolu tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, halef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem Ufficjal iehor li jkollu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xiehda prodotti u rat id-dokumenti ezibiti;

Rat, li matul is-seduta tal-lum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li l-kaz setgha jigi mholli ghad-decizjoni tal-Qorti jekk hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza in bazi ghall-provi migbura sallum; Semghet ukoll lill-Ufficjal Prosekutur itenni li l-Magistrat Taljan li huwa inkarigat mill-investigazzjoni ma setghax jigi ghas-seduta tal-lum, izda kien dispost li jixhed dettaljatament dwar l-investigazzjoni kondotta fl-Italja. Biss dan ma setghax isir qabel al menu sitt gimghat ohra.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq dan il-punt u senjatament jistghu jigu sintetizzati bil-mod segwenti :

A. il-Prosekuzzjoni
(a) li ttenni anke f'dan l-istadju ghad hemm investigazzjoni li ghadha ghaddejja kemm f'Malta kif ukoll fl-Italja a karigu tal-imputat u ta' persuni ohrajn – tant li hemm ukoll pendenti proceduri rogatorji;
(b) li l-bazi tal-evidenza migbura s'issa mill-Prosekuzzjoni hija riflessa fix-xiehda tal-Ispettur Abdilla li spjega x'wassal ghall-arrest tal-imputat u ghall-eventwali process attwali – u li ghad fadal aktar provi x'jinstemghu;
(c) kif ukoll li mill-investigazzjoni maghmula mill-Pulizija u kif abilment migbura mill-Ispettur Abdilla fix-xiehda tieghu jirrizulta li l-imputat ammetta matul il-kors tal-proceduri rogatorji li huwa kkommetta xi atti ta' falsifikazzjoni u li kien halef il-falz quddiem il-Magistrat;
(d) li mix-xiehda prodotti principalment matul is-seduta tallum irrizulta li d-dokumenti a fol 94 sa' 107 huma dokumenti li huma foloz;

B. Id-difiza li essenzjalment tenniet li dan il-process huwa markat minn karenza assoluta ta’ provi li ma jissodisfawx il-grad tal-*prima faciae*; li ma gewx pruvati l-elementi essenzjali tar-reati almenu sal-grad tal-probabbli anke f’dak li ghandu x’jaqsam mal-gurisdizzjoni ta’ dawn il-Qrati biex jipprosekwixxu dan il-kaz.

**Ikkunsidrat** : -

Illi din il-Qorti kif presjeduta thaddan il-principju li l-grad tal-*prima faciae* huwa grad li jrid jikkonvinci lil din il-Qorti Istruttorja, li in bazi ghall-provi prodotti sa’ dak il-punt tal-eghluq tal-kumpilazzjoni tal-provi skont l-Artikolu 401(1) tal-Kodici Kriminali, l-elementi **kollha** tar-reat/i kontestati jkunu jirrizultaw imqar fuq bazi ta’ probabbilita. Din l-interpretazzjoni dwar it-tifsira tal-kuncett tal-*prima faciae* giet abbraccjata kemm mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fis-sentenza “**Il-Pulizija vs Fatiha Khallouf**” deciza nhar il-25 ta’ Settembru 2001 kif ukoll aktar recenti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “**Mark Charles Kenneth Stephens vs. Avukat Generali**” deciza nhar l-14 ta’ Frar 2006, fejn inter alia inghad testwalment : -

g. Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi *prima facie*, dan ma jfissirx li d-decizjoni
hija wahda “superficjali”. Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista’ jinstab hati ta’ reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta’ akkuza14 – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Pero` huwa certament fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja li tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat (jew ta’ xi reat kompriz u involut f’dak addebitat), cioe` li l-elementi kollha tar-reat ikunu jirrizultaw imqar fuq bazi ta’ probabbilita`. L-ezempju klassiku huwa ta’ persuna li tigi

akkuzata bir-ricettazzjoni ta' oggett allegatament misruq: jekk fi tmiem il-kumpilazzjoni, minkejja kull prova dwar il-prezz irrizorju li bih l-oggett ikun inxtara mill-imputat, jew dwar xi jkun haseb l-imputat fir-rigward tal-provenjenza tal-oggett li jkun xtara, ma jkunx hemm prova li l-oggett kien fil-fatt misruq, il-Qorti Istruttorja tkun altru milli gustifikata li tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Il-presupposti fattwali jigu nieqsa wkoll jekk il-fatti li jkunu rrizultaw matul il-kumpilazzjoni ma jkunux jammontaw ghar-reat addebitat, jew, bhalma qed jigi allegat f'dan il-kaz, ma jkunux jammontaw ghal reat taht il-ligi penali ta' Malta. Hekk, per ezempju, jekk l-imputat jigi akkuzat li seraq karozza, izda mill-provi jkun irrisulta li huwa veru seraq karozza, izda li s-serqa giet imwettqa f'pajjiz barra minn Malta u mhux f'Malta, il-Qorti Istruttorja tkun gustifikata tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.

Huwa minnu li l-Qrati Maltin mhux dejjem kienu konkordi fuq din l-interpretazzjoni ta' dan il-kuncett – ara per ezempju s-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-kaz "**Fl-Atti tar-Rikors Anthony Xuereb vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija**" deciza nhar it-23 ta' Settembru 2010 fejn jinghad li l-Qrati Maltin donnhom sabu t-triq tan-nofs bejn il-grad tal-possibbli u dak tal-probabbli u ghalhekk "jekk il-Magistrat jidhirlu illi l-provi migbura quddiemu jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa bizzejjed sabiex il-grad ta' prima facie jigi milhuq u l-kawza tkun tista titkompla". Irid jinghad hawnhekk pero li dan kien kaz ta' procedura ta' sfida lill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali u mhux kaz ta' determinazzjoni jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att t'akkuza.

F'dan il-kaz il-Qorti gharblet il-provi migbura s'issa u tinnota li hemm altru minn suspett ragjonevoli li l-imputat jista jkun involut fil-kommissjoni ta' xi reati ipotizzati fil-konfront tieghu. Izda dan, fl-umli fehma tal-Qorti mhux sufficjenti biex iwassal sal-grad li trid il-Ligi u li hawn fuq imsemmi mill-Qorti Kostituzzjonali – in bazi ghall-provi prodotti s'issa.

Din il-Qorti tifhem id-diffikultajiet li l-Prosekuzzjoni jkollha biex tkun tista tigbor il-provi u tmexxi kazijiet il-Qorti. Izda imbaghad meta tigi biex twettaq Gustizzja, il-Qorti trid tara li r-regoli sostantivi u procedurali jkunu gew osservati.

Fil-fehma tal-Qorti f’dan il-kaz il-Prosekuzzjoni bil-kwalita u n-natura tal-provi prodotti minnha sa dan l-istadju ma rnexxilhiex tasal li tikkonvinci lil din il-Qorti li, imqar fuq bazi ta’ probabbilita, tista tinstab htija kontra l-imputat. Dan qieghed jinghad ghaliex s’issa, minkejja r-rassenja tal-investigazzjoni moghtija mill-Ispettur Abdilla, jirrizulta fil-fatt li din l-investigazzjoni hija investigazzjoni li ghadha ghaddejja u ghadha ma ssarfitx fi provi konkreti li jistghu jissodisfaw gudikant dwar l-elementi kollha tar-reati ipotizzati almenu sal-grad tal-probabbli.

Il-konvinciment li jrid iwassal lil din il-Qorti irid ikun ibbazat fuq provi li huma ammissibbli skont il-Ligi u li naturalment ikunu rilevanti. F’dan il-kaz il-qofol tal-provi jistrieh fuq informazzjoni li giet mghoddija lill-Ispettur mill-investigaturi Taljani li pero, sal-gurnata tal-lum ma gewx jixhdu viva voce quddiem din il-Qorti. Mill-banda l-ohra ma saretx talba ghal rogatorji quddiemha li setgha kellha effetti sospensivi fuq it-terminu tal-eghluq tal-kompilazzjoni skont l-Artikolu 402 tal-Kodici Kriminali.

Jirrizulta car li f’dan l-istadju, il-bazi tal-provi prodotti tistrieh fuq rendikonti u rezokonti ta’ informazzjoni migbura mill-Ispettur relatata lilu principalment minn terzi persuni – aktar milli migbura mill-Ispettur Investigattiv innifsu. Fil-fatt matul il-kors tax-xiehda tieghu din il-Qorti irrimarkatlu aktar minn darba li, fi ftit kliem, riedet tiehu konjizzjoni tal-“best evidence rule” matul il-kors tal-proceduri. Bir-rispett kollu anke jekk il-grad tal-“*prima faciae*” huwa grad aktar baxx minn dak “*lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni*” li in bazi tieghu tista tinstab htija fil-kamp penali, xorta wahda jibqa l-fatt li grad *prima faciae* jrid ikun imsejjes fuq provi li jirrispettaw ir-regoli tal-Ligi procedurali shiha. F’dan il-kaz, almenu sa dan il-punt tant important ital-Artikolu 401(1) tal-Kodici Kriminali, fil-fehma tal-Qorti, dan ghadu ma sarx. Naturalment jista jkun li l-Prosekuzzjoni

ghandha provi importantissimi u li jincidu direttament fuq il-meritu tal-proceduri odjerni b'mod inciziv. Izda s'issa dawn ma ngiebux u din il-Qorti ma tistax toqghod tistrieh fuq dak li jista jingieb fil-gejjieni, minghajr ma jkollha l-bazi sufficjenti ghalbiex tasal sal-grad tal-*prima faciae* kif hawn fuq spjegat fil-mument previst ghad-digriet sancit mill-Artikolu 401(1) tal-Kodici Kriminali.

B'mod aktar konkret, din il-Qorti kellha karenza ta' provi fuq l-ewwel u t-tieni imputazzjoni. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq id-dokument li in bazi tieghu qed jigu mitluba r-rogatorji bhala prova tal-fatti allegati f'dan il-kaz. Bid-dovut rispett dan mhux il-mod kif isiru l-provi quddiem dawn il-Qrati f'kazijiet ta' prosekuzzjoni lokali.

Dwar it-tielet imputazzjoni hemm ix-xiehda tal-ispettur Abdilla, li ghal darb'ohra hija ppernjata fuq dak li ghamlu investigaturi Taljani aktar milli dawk Maltin. Ix-xiehda tal-investigaturi Taljani hija assenti, almenu s'issa, minn dawn il-proceduri. It-tielet imputazzjoni tipprospetta l-estraterritorjalita' f'certi sitwazzjonijiet. Izda anke hawnhekk ir-rabta migjuba mill-Prosekuzzjoni s'issa mal-imputat hija wahda dghajfa wisq biex twassal sal-grad tal-probabbilita hawn fuq imsemmija fir-rigward tal-elementi **kollha** tar-reat ipotizzat.

L-istess jista jinghad ghall-kumplament tar-reati l-ohra ipotizzati. Dan peress li anke jekk verament li r-rapprezentanti tal-Banek, li xehdu matul is-seduta tal-lum, b'riferenza ghad-dokumenti allegatament falsifikati, ma giex pruvat sal-grad mehtieg li tali falsifikazzjoni jekk sehhet kienet fil-fatt prosegwibbli f'Malta in rispett ghall-principji ta' gurisdizzjonalita stilupata fil-Kodici Kriminali. Dan il-punt huwa mehtieg li jigi anke analizzat minn din il-Qorti in kwantu kif deciz fil-kawza **Stephens** hawn fuq imsemmija, dan huwa presuppost li jrid jigi analizzat minn din il-Qorti trattandosi ta' element essenzjali ghall-prosegwibbilita ta' dawn ir-reati f'Malta. Anke jekk dawn id-dokumenti inkriminati kienu verament falsifikati, mill-provi prodotti ma giex pruvat li almenu sal-grad tal-probabbli din il-falsifikazzjoni giet maghmula f'territorju

fejn il-Qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni. L-istess jista jinghad ghax-xiehda ta' Carmel Attard, li rrenda servizzi professjonali lill-Amabile Zammit u Giuseppe Rapisarda, xehed li d-dokument imsemmi a fol 107 ma jafx li jezisti – u ghalhekk ma jistax jixhed dwar fejn setgha sar. Ghal massimu dan ix-xuhd jista jixhed li semgha Giuseppe Rapisardi jghidlu li bid-dokument inkriminat ma ghandux hjiel tieghu, izda din id-deposizzjoni ma tistax tittiehed biex tigi determinata l-veracita o meno ta' tali stqarrija.

Mill-banda l-ohra l-Ufficjal Prosekutur itenni li l-imputat ammetta li huwa ffalsifika dokumenti u li huwa ha wkoll gurament falz. L-Ufficjal Prosekutur stqarr li huwa semghu jghid dan matul il-kors tal-procedura tar-rogatorji. Din il-Qorti bl-ebda mod ma hija tiddubita mill-verita ta' dak li stqarr l-Ufficjal Prosekutur. Din il-Qorti temmen li huwa semgha lill-imputat jghid dak id-diskors – irrispettivament mill-veracita o meno taghha.

Pero aktar minn hekk, mill-provi li ghandha quddiemha din il-Qorti – u cjoe d-dikjarazzjoni tieghu biss, minghajr ebda dokument jew stqarrija guramentata ohra li din il-Qorti setghet tara quddiemha, ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li din il-falsifikazzjoni, jekk verament saret kienet taqgha fil-gurisdizzjoni Maltija. Dan ukoll minhabba l-fatt li d-dokumenti principali inkriminati f'dan il-kaz jidher li gew elevati wkoll mill-investigaturi Taljani, minn computer tal-imputat, li milli tista tifhem din il-Qorti, kien fit-territorju Taljan.

Minbarra dan, l-anqas ma din il-Qorti ghandha almenu t-traskrizzjoni tax-xiehda guramentata tal-imputat biex tkun tista tifhem ezattament x'qal dan, nonche tivverifika jekk hemmx l-estremi tal-gurament falz quddiem Magistrat – li per giunta jidher li jitnissel minn interpretazzjoni dwar jekk dak li qal l-imputat hux minnu jew le. Fin-nuqqas ta' tali dokumenti u provi, dejjem jekk ammissibbli, din il-Qorti ma tistax toqghod fuq deposizzjoni ta' xhud uniku, a bocca baciata, u tasal fuq hekk biss li tikkonkludi li l-imputat jista, almenu sal-grad tal-probabbli, jinstab hati fuq din l-imputazzjoni wkoll.

Fid-dawl ta’ dan kollu din il-Qorti wara li inghalqet il-kompilazzjoni tal-provi kollha migbura quddiehma kontra ta’ CALCATERRA Giovanni, tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-istess jitqieghed taht att t’akkuza u ghalhekk qeghda tordna l-liberazzjoni tieghu (discharge) u ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kodici Kriminali l-atti tal-Kompilazzjoni flimkien mal-oggetti kollha li ghandhom x’jaqsmu mad-delitt jigi mibghuta, fi zmien tliet ijiem tax-xoghol lill-Avukat Generali skont il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------